# Dimensjoni globali

Bejn 12 % u 55 % ta' vertebrati, invertebrati u gruppi ta' pjanti magħżula huma mhedda b'qerda fuq livell globali; it-tnaqqis fl-ispeċijiet ta' vertebrati selvaġġi bejn l-1970 u l-2006 huwa partikolarment qawwi fost it-tropiċi (59 %) u l-ekosistemi tal-ilma ħelu (41 %) (GBO3, 2010). Attwalment, 0.7 % biss tal-oċeani huma protetti (WDPA, 2010). Ir-rata ta' deforestazzjoni tropikali naqset bi kważi 20 % bejn l-2000 u l-2010 (FAO), iżda xorta hija waħda għolja: 13 –il miljun ettaru kull sena jintilfu(l-ekwivalenti tal-erja tal-Greċja). F'dan il-kuntest, it-talba tal-Ewropa għal riżorsi naturali tmur lil hinn sew mill-fruntieri tagħha.




**L-impatt ekoloġiku tal-Ewropa impatt globali li qiegħed jiżdied**
Bħalissa, l-Ewropa qiegħda tikkonsma d-doppju ta' dak li jistgħu jipproduċu l-art u l-baħar tagħha. Skont il-Global Footprint Network, huwa stmat li matul l-aħħar 40 sena, l-Impatt Ekoloġiku tal-Ewropa żdied bi 33 %. Jeħtieġ li l-Ewropa tindirizza d-dimensjoni globali tal-konsum tagħha.




**L-aċidifikazzjoni tal-oċeani - l-ewwel sinjal tal-impatt fuq il-katina tal-ikel**
Globalment, l-aċidità tal-oċeani żdiedet bi 30 % matul l-aħħar 150 sena, l-aktar minħabba ż-żieda fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ (UNEP). Iż-żieda tal-aċidità fl-ambjenti marini taffettwa s-sopravivenza ta' bosta organiżmi tal-baħar li, sussegwentement, tista' taffettwa bosta speċijiet li jiddependu fuqhom għall-ikel.




**Is-sikek tal-qroll – responsabbiltà sottovalutata tal-UE**
20 % tas-sikek tal-qroll tropikali tad-dinja ntilfu diġà filwaqt li 50% addizjonali qiegħed f'riskju li jintilef ukoll. Aktar minn 10 % tas-sikek tal-qroll globali jinsabu f'territorji mbiegħda tal-Istati Membri tal-UE (IUCN).

'Matul l-aħħar ftit mijiet ta' snin, il-bnedmin żiedu r-rati ta' qerda tal-ispeċijiet bi kważi 1000 darba aktar mir-rati ta' sfond li kienu tipiċi matul l-istorja tad-Dinja' (MA, 2005).

| Ekosistemi; Is-servizzi | Agro ekosistemi | Foresti | Mergħat | Xagħri u veġetazzjoni | Artijiet Mistagħdra | Lagi u xmajjar |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Provvedimenti** | | | | | | |
| Għelejjel/Injam | ↓ | ↑ | | | ↓ | |
| Bhejjem | ↓ | = | = | = | ↓ | |
| Ikel Selvaġġ | = | ↓ | ↓ | | = | |
| Injam għall-Fjuwil | | = | | = | | |
| Sajd tal-qbid | | | | | = | = |
| Akwakultura | | | | | ↓ | ↓ |
| Ġenetika | = | ↓ | ↓ | = | = | |
| Ilma ħelu | | ↓ | | | ↑ | ↑ |
| **Regolamentazzjoni** | | | | | | |
| Pollinazzjoni | ↑ | ↓ | = | | | |
| Regolamentazzjoni tal-Klima | | ↑ | | = | = | = |
| Regolamentazzjoni tal-organiżmi li jagħmlu ħsara | ↑ | | = | | | |
| Regolamentazzjoni tal Erożjoni | | = | = | = | | |
| Regolamentazzjoni tal-Ilma | | = | | ↑ | ↑ | = |
| Purifikazzjoni tal-ilma | | | | | = | = |
| Regolamentazzjoni tal-Perikli | | | | | = | = |
| **Kulturali** | | | | | | |
| Rikreazzjoni | ↑ | = | ↓ | ↑ | ↑ | = |
| Estetika | ↑ | = | = | = | ↑ | = |

**Stat għall-perjodu bejn l-1990 u llum.** Degradat Imħallat Imtejjeb Mhux magħruf Mhux applikabbli

## Servizzi tal-Ekosistema fl-UE

**Is-servizzi tal-ekosistemi għadhom qed jiddegradaw**
Il-maġġoranza tas-servizzi tal-ekosistema fl-Ewropa ġew meqjusa 'degradati' – m'għadhomx kapaċi joffru servizzi bażiċi tal-aħjar kwalità u kwantità bħall-pollinazzjoni tal-għelejjel, arja u ilma ndaf u l-kontroll tal-għargħar u l-erożjoni (proġett RUBICODE 2006–2009; ekosistemi tal-baħar mhumiex inklużi).

**Tendenza bejn il-perjodi**

↑ Bidla pożittiva bejn il-perjodi bejn l-1950 u l-1990 u l-1990 sal-lum

↓ Il-bidla negattiva fil-perjodi ta' bejn l-1950 u l-1990 u l-1990 sa llum

= L-ebda bidla bejn iż-żewġ perjodi

2010 International Year of Biodiversity

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

# Xenarju bażi tal-bijodiversità Ewropea

## Fejn tinsab l-Ewropa fl-2010?

Hemm evidenza li qiegħda dejjem tiżdied li l-istat ta' ħafna ekosistemi qed jilħaq punt jew diġà laħaq punt irriversibbli. Bl-istess mod li bih żieda ta' 2 gradi fit-temperatura globali iktar mil-livelli preindustrijali se twassal għal bidla katastrofika fil-klima, it-telf tal-bijodiversità iktar minn ċerti limiti, se jkollu konsegwenzi estensivi għall-iffunzjonar innifsu tal-pjaneta. Dawn il-limiti għadhom qed jiġu definiti, iżda diġà huwa ċar għall-komunità xjentifika li r-rata attwali tat-telf tal-bijodiversità jpoġġi l-benessri futuri taċ-ċittadini fl-UE u madwar id-dinja f'riskju (Kummissjoni Ewropea, 2010).

**Speċijiet fir-riskju li jinqerdu**
Sa 25 % tal-ispeċijiet ta' annimali Ewropej, inkluż mammiferi, anfibji, rettili, għasafar u friefet qegħdin fir-riskju li jinqerdu u għalhekk ġew inklużi mill-IUCN fil- Lista Ħamra Reġjonali tal-UE.




**Stat fqir ta' konservazzjoni**
62 % tal-ħabitats u 52 % tal-ispeċijiet koperti mid-Direttiva tal-UE dwar il-Ħabitats huma meqjusa li jinsabu fi stat mhux favorevoli ta' konservazzjoni (EEA-ETC/BD, 2009).







**L-identifikazzjoni ta' siti Natura 2000 – kważi lesta**
Id-deżinjazzjoni fl-Ewropa ta' siti terrestri Natura 2000 hija kważi lesta. Jeħtieġ sforz ferm ikbar għas-siti tal-baħar (EEA-ETC/BD, 2010).



## Theddidiet

Il-kawżi ewlenin tat-telf ta' bijodiversità huma l-bidliet fil-ħabitats naturali. Dawn huma kawżati l-aktar minħabba: sistemi intensivi ta' produzzjoni agrikola u abbandun tal-art; kostruzzjoni u trasport (frammentazzjoni); sfruttar eċċessiv tal-foresti, l-oċeani, ix-xmajjar, il-lagi u l-ħamrija; l-invażjoni ta' speċijiet aljeni; t-tniġġiż; u - b'effett dejjem akbar - it-tibdil fil-klima. Sabiex kwalunkwe politika tkun effettiva fiż-żamm u r-restorazzjoni tal-bijodiversità fl-Ewropa, din tal-aħħar għandha tindirizza ukoll dan it-theddid.

**Telf ta' Ħabitats - kwistjoni ewlenija ta' tħassib**
70 % tal-ispeċijiet huma mhedda bit-telf tal-ħabitat tagħhom (IUCN). L-għasafar tar-raba naqsu b'20-25 % bejn l-1990 u l-2007 (Eurostat, 2010).




**Sfruttar eċċessiv - aktar sostennibbiltà meħtieġa**
30 % tal-ispeċijiet huma mhedda bi sfruttar eċċessiv (IUCN). Pereżempju: 88 % tal-istokkijiet tal-ħut li jinqabad, jaqbez ir-Rendimenti Massimi Sostenibbli (ICES, 2008) u 46 % minnu huwa barra l-limiti bijoloġiċi sikuri, li jfisser li l-istokkijiet ma jistgħux jerġgħu jimtlew (EEA, 2010).




**Tniġġis - titjib f'ċertu oqsma**
Minkejja t-titjib f'ċertu oqsma, 26 % tal-ispeċijiet huma mhedda mill-pestiċidi, u fertilizzanti bħan-nitrati u l-fosfati (IUCN).




**Fenomenu li qiegħed dejjem jikber**
22 % tal-ispeċijiet huma mhedda minn speċijiet aljeni invażivi (IUCN).




**It-tibdil fil-klima**
Bidliet fid-distribuzzjoni ta' ħabitats u speċijiet qegħdin jiġu osservati flimkien mad-deżertifikazzjoni. It-tibdil fil-klima tintegra, u ta' spiss tkabbar, theddid ieħor.

## Ekosistemi

### Bidliet fl-ekosistemi bejn l-1990 u l-2006




**Żoni naturali li għadhom qed jintilfu**
L-aħħar inventarju tal-Corine Land Cover (EEA, 2010) juri espansjoni kontinwa ta' superfiċji artifiċjali (pereżempju, it-tkabbir urban, l-infrasttura) u art abbandunata b'detriment għall-art agrikola, il-mergħat, u l-artijiet mistagħdra madwar l-Ewropa. Mergħat naturali għadhom qegħdin jinbidlu f'art li tinħadem u f'żoni mibnija. It-telf ta' artijiet mistagħdra naqas (kważi 3 % ta' telf fl-aħħar 16 -il sena) iżda l-Ewropa tilfet aktar minn nofs l-artijiet mistagħdra tagħha qabel l-1990. Art agrikola estensiva qiegħda tiġi kkonvertita f'forom aktar intensivi ta' agrikoltura u, f'ċertu partijiet,f'foresti wkoll.

L-isfruttar tar-riżorsi naturali bir-rati attwali qiegħed inaqqas b'mod kostanti l-bijodiversità u l-ekosistemi. Li jiġu identifikati żoni protetti mhuwiex biżżejjed biex jitwaqqaf dan id-deklin. Il-bijodiversità għandha tiġi integrata aktar fil-politiki rilevanti l-oħra (l-agrikoltura, is-sajd, l-enerġija, it-trasport, il-politiki strutturali u l-iżvilupp). Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress u jiġu mkejla t-tendenzi wara l-2010, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Kummissjoni Ewropea żviluppaw 'xenarju bażi' – stampa tal-istat attwali tal-bijodiversità sabiex tistabbilixxi l-bażi ta' evidenza neċessarja biex tiżdied l-azzjoni tal-UE bl-għan li tiġi indirizzata minn issa l-kriżi globali tal-bijodiversità. Għal aktar tagħrif żur is-sit www.biodiversity.europa.eu.

### Stat favorevoli ta' konservazzjoni tal-ħabitats




**Ħabitats fl-ekosistemi – stat ta' konservazzjoni kumplessivament fqir**
Ir-rapport dwar il-progress għall-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ħabitats għall-perjodu 2001-2006 juri li l-istat ta' konservazzjoni ta' speċijiet u ħabibats li huma karatteristiċi tal-ekosistemi ewlenin huwa wieħed fqir. Skont l-ekosistema, il-proporzjon ta' ħabitats fi stat favorevoli ta' konservazzjoni huwa bejn 5 u 21 %.

### Frammentazzjoni fl-UE 27 (% tal-erja totali)




**Il-frammentazzjoni thedded lill-infrastruttura ekoloġika tal-UE**
Il-frammentazzjoni ta' kważi 30 % tal-art tal-UE 27 hija moderatament għolja għal għolja ħafna minħabba t-tkabbir urban u l-iżvilupp tal-infrastruttura. Il-frammentazzjoni taffettwa l-konnettività tal-ekosistemi kif ukoll is-saħħa u l-abbiltà tagħhom li jipprovdu servizzi (EEA, ETC/LUSI, 2010).